32005D0180

8.3.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 61/41

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Marzu 2005

li tawtorizza lill-Istati Membri jaddottaw ċertu derogi skont id-Direttiva 96/49/KE fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija

(notifkata bid under document number C(2005) 443)
(Test b'rilevanza ŻEE)
(2005/180/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(9), (11) u (14) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(9) tad-Direttiva 96/49/KE, l-Istati Membri għandhom jagħtu notifika minn qabel lill-Kummissjoni dwar id-derogi tagħhom, għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2002 jew sa sentejn wara l-aħħar data tal-applikazzjoni tal-verżjonijiet emendati tal-Anness għad-Direttiva.

(2) Ċertu Stati Membri kienu nnotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2002 dwar ix-xewqa tagħhom li jadottaw derogi mid-Direttiva 96/49/KE. Permezz tad-Deċiżjoni 2003/627/KE tal-20 ta' Awissu 2003 li tawtorizza Stati Membri biex skont id-Direttiva 96/49/KE jaddottaw ċerti derogi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija[2], il-Kummissjoni awtorizzat l-adozzjoni minn dawk l-Istati Membri tad-derogi elenkati fl-Annessi I u II għal dik id-Deċiżjoni.

(3) Id-Direttiva 2003/29/KE li temenda l-Anness għad-Direttiva 96/49/KE. Permezz tad-Direttiva 2003/29/KE l-Istati Membri kellhom idaħħlu fis-seħħ leġiżlazzjonijet nazzjonali sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2003, l-aħħar data ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(9) tad-Direttiva 96/49/KE li hija t-30 ta' Ġunju 2003.

---

[1] ĠU L 235, 17.9.1996, p. 25. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/29/KE (Ġ.U. L 90, 8.4.2003, p.47).

[2] ĠU L 217, 29.8.2003, p. 67.

(4) Uħud mill-Istati Membri taw notifika dwar ix-xewqa tagħhom li jadottaw derogi. Il-Kummissjoni eżaminat in-notifiki għall-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(9), (11) u (14) tad-Direttiva 96/49/KE, u approvathom. Dawk l-Istati Membri għalhekk għandhom ikunu awtorizzati li jadottaw dawk id-derogi

(5) Fl-istess waqt, huwa mixtieq li d-derogi kollha li ġew awtorizzati sallum jingħaqdu f'deċiżjoni waħda. Għal din ir-raġuni id-Deċiżjoni 2003/627/KE għandha tiġi revokata u sostitwita.

(6) Sabiex jiġi assigurat li s-sitwazzjoni tad-derogi tiġi aġġornata regolarment, il-Kummissjoni għandha tipproponi aġġornament komprensiv tad-derogi kollha eżistenti ta' mill-anqas kull ħames snin.

(7) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża, imwaqqaf permezz tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 94/55/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istati Membri elenkati fl-Anness I huma awtorizzati biex jimplimentaw id-derogi stabbiliti fl-Anness I, fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija fi ħdan it-territorju tagħhom ta' kwantitajiet żgħar ta' ċerta merkanzija perikoluża.

Dawn id-derogi għandhom jiġu applikati mingħajr diskriminazzjoni.

Artikolu 2

L-Istati Membri elenkati fl-Anness II huma awtorizzati li jimplimentaw id-derogi stabbiliti fl-Anness II fir-rigward, l-ewwel, tat-trasport fuq rotot partikolari magħżula fi ħdan it-territorju tagħhom għal merkanzja perikoluża li tifformaw parti minn proċess definit industrijali, b'karatteristika lokali u li huma strettament ikkontrollati taħt kondizzjonijiet speċifikati b'mod ċar u, it-tieni, tat-trasport lokali ta' merkanzija perikoluża fuq distanzi qosra fi ħdan il-perimetri ta' portijiet, ajruporti jew siti industrijali.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 2003/627/KE qed tiġi revokata.

Referenzi għad-Deċiżjoni revokata għandhom jiġu kkunsidrati bħala referenza għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 4 ta' Marzu 2005.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Derogi għall-Istati Membri fuq kwantitajiet żgħar ta' ċerta merkanzija perikoluża

Il-Ġermanja

RA-SQ 3.1

Suġġettt: Eżenzjoni ta' kwantitajiet żgħar ta' ċerta merkanzija għall-użu privat.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva 96/49/KE (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva"): Tabella fil-Kapitlu 3.2 għal ċerti numri NU fil-Klassijiet 1 sa 9.

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Awtorizzazzjoni ta' u dispożizzjonijiet dwar it-trasport.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Gefahrgut-Ausnahmeverordnung - GGAV 2002 vom 06.11.2002 (BGBl. I S. 4350), geändert durch Artikel 2 der Verordnung vom 28.04.2003 (BGBl. I S. 595); Ausnahme 3.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Klassijiet 1 sa 9; Eżenzjoni għal kwantitajiet żgħar ħafna ta' merkanzija varja ippakkettjata u fi kwantitajiet għall-użu privat; massimu ta' 50 kg għal kull unità tat-trasport; applikazzjoni tar-rekwiżiti ġenerali tal-ippakkjar għall-ippakkjar intern.

Kummenti: Deroga limitata sal-31.12.2004.
Lista Nru 14*.

RA-SQ 3.2

Suġġett: Awtorizzazzjoni għall-ippakkjar imħallat.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: 4.1.10.4 MP2

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Projbizzjoni ta' ppakkjar imħallat.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Gefahrgut-Ausnahmeverordnung - GGAV 2002 vom 06.11.2002 (BGBl. I S. 4350), geändert durch Artikel 2 der Verordnung vom 28.04.2003 (BGBl. I S. 595); Ausnahme 21.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Klassijiet 1.4S, 2, 3 u 6.1; awtorizzazzjoni ta' ppakkjar imħallat ta' merkanzija fil-Klassi 1.4S (skratać għall-armi żgħar), ajrusoli (Klassi 2) u materjali tat-tindif u tat-trattament fil-Klassijiet 3 u 6.1 (numri NU elenkati) bħala settijiet biex jinbiegħu f'ippakkjar imħallat fil-grupp tal-ippakkjar I u fi kwantitajiet żgħar.

Kummenti: Lista Nru 30*, 30a, 30b, 30c, 30d, 30e, 30f, 30g.

Franza

RA-SQ 6.1

Suġġett: Trasport ta' bagalji reġistrati f'ferroviji tal-passiġġieri.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: 7.7

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Materjali u merkanzija RID li ma jistgħux jiġu trasportati bħala bagalji.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Arrêté du 5 juin 2001 relatif au trasport de marchandises dangereuses par chemin de fer (id-Digriet tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija, «id-Digriet RID») – l-Artikolu 18.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: materjali u merkanzija RID li jistgħu jinġarru bħala pakketti espress jistgħu jinġarru bħala bagalji fil-ferroviji tal-passiġġieri.

RA-SQ 6.2

Suġġettt: Pakketti ta' materjali perikolużi li jinżammu minn passiġġieri fuq il-ferroviji.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: 7.7

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: materjali u merkanzija RID li ma jistgħux jiġu trasportati bħala bagalji tal-idejn.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Arrêté du 5 juin 2001 relatif au trasport de marchandises dangereuses par chemin de fer (id-Digriet tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija, «id-Digriet RID») – l-Artikolu 19.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: It-trasport bħala bagalji tal-idejn ta' pakketti ta' materjali perikolużi għall-użu personali jew professjonali minn passiġġieri huwa awtorizzat suġġett għal ċertu kondizzjonijiet: japplikaw biss id-dispożizzjonijiet relatati mal-ippakkjar, l-immarkar u t-tikkettar tal-pakketti stabbiliti f'4.1, 5.2 u 3.4.

Kummenti: Reċipjenti tal-gass li jinġarru huma permessi għal pazjenti li għandhom problemi respiratorji fl-ammont neċessarju għal vjaġġ wieħed.

RA-SQ 6.3

Suġġett: Trasport għall-bżonnijiet tat-trasportatur ferrovjarju.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: 5.4.1

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: L-informazzjoni dwar il-materjali perikolużi li għandha tiġi indikata fuq in-nota tal-konsenja.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Arrêté du 5 juin 2001 relatif au trasport de marchandises dangereuses par chemin de fer (id-Digriet tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija, «id-Digriet RID») – l-Artikolu 20.2.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: It-trasport għall-bżonnijiet tat-trasportatur ferrovjarju-ta' kwantitajiet li ma jeċċedux il-limiti stabbiliti f'1.1.3.6 mhuwiex suġġett għall-obbligazzjoni ta' dikjarazzjoni fuq it-tagħbija.

RA-SQ 6.4

Suġġettt: Eżenzjoni mit-tikkettar ta' ċertu vaguni tal-posta.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: 5.3.1

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Obbligazzjoni li jitwaħħlu tikketti fuq il-ħitan tal-vaguni.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Arrêté du 5 juin 2001 relatif au trasport de marchandises dangereuses par chemin de fer (id-Digriet tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija, «id-Digriet RID») – l-Artikolu 21.1.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Għandhom ikunu ttikkettati biss il-vaguni tal-posta li qed iġorru aktar minn tliet tunnellati ta' materjal fl-istess klassi (minbarra 1, 6.2 jew 7).

RA-SQ 6.5

Suġġett: Eżenzjoni mit-tikkettar ta' vaguni li qed iġorru kontenituri żgħar.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: 5.3.1

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Obbligazzjoni li jitwaħħlu tikketti fuq il-ħitan tal-vaguni.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Arrêté du 5 juin 2001 relatif au trasport de marchandises dangereuses par chemin de fer (id-Digriet tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija, «id-Digriet RID») – l-Artikolu 21.2

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Jekk it-tikketti mwaħħlin fuq il-kontenituri żgħar huma viżibbli sew, il-vaguni m'għandhomx bżonn jiġu tikkettati.

RA-SQ 6.6

Suġġettt: Eżenzjoni mit-tikkettar ta' vaguni li qed iġorru vetturi tat-triq mgħobbijin b'pakketti.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: 5.3.1

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Obbligazzjoni li jitwaħħlu tikketti fuq il-ħitan tal-vaguni.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Arrêté du 5 juin 2001 relatif au trasport de marchandises dangereuses par chemin de fer (id-Digriet tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bil-ferrovija, «id-Digriet RID») – l-Artikolu 21.3.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Jekk il-vetturi tat-triq għandhom tikketti li jikkorrispondu mal-pakketti li qed iġorru, il-vaguni ma għandhomx bżonn jiġu tikkettati.

L-Iżvezja

RA-SQ 14.1

Suġġett: Vagun tal-ferrovija li qed iġorr merkanzija perikoluża, bħala merkanzija espress, ma għandux għalfejn ikun immarkat bit-tikketti.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: 5.3.1

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Vaguni tal-ferroviji li qed iġorru merkanzija perikoluża għandhom ikollhom it-tikketti jidhru.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Särskilda bestämmelser om vissa inrikes trasport er av farligt gods på väg och i terräng.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Vagun tal-ferrovija li qed iġorr merkanzija perikoluża, bħala merkanzija espress, ma għandux bżonn ikun immarkat bit-tikketti.

Kummenti: Fl-RID hemm limiti fuq il-kwantità sabiex merkanzija tissejjaħ merkanzija espress. Għalhekk hija kwistjoni ta' kwantitajiet żgħar.

Ir-Renju Unit

RA-SQ 15.1

Suġġetti: Ġarr ta' ċertu radjoattivi ta' periklu baxx bħal arloġġi, arloġġi tal-idejn, ditekters tad-duħħan, kwadranti tal-kumpass.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: Il-maġġoranza tar-rekwiżiti tal-RID

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Ir-rekwiżiti għall-ġarr ta' materjal tal-Klassi 7.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Ir-Regolament 2(6) tar-Regolamenti tal-1996 dwar il-Ferroviji għall-Ippakkjar, it-Tikkettar u l-Ġarr ta' Materjal Radjoattiv (kif emendati mill-Iskeda 5 tar-Regolamenti tal-1999 (Emendi) dwar il-Ġarr ta' Merkanzija Perikoluża).

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Eżenzjoni totali mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti nazzjonali għal ċertu prodotti kummerċjali li fihom kwantitajiet limitati ta' materjal radjoattiv.

Kummenti: Din id-deroga hija miżura għal żmien qasir, li mhix se tkun meħtieġa aktar meta emendi simili għar-regolamenti tal-IAEA jiġu inkorporati fl-RID.

RA-SQ 15.2

Suġġetti: Moviment ta' tankijiet fissi nominalment vojta mhumiex maħsuba bħala tagħmir tat-trasport (N2).

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: Il-partijiet 5 u 7

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Rekwiżiti dwar il-proċeduri, il-ġarr, l-operazzjoni u l-vetturi tal-konsenja.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Għandhom jiġu speċifikati fir-Regolamenti li qed jitlestew.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Ara hawn fuq.

Kummenti: Il-moviment ta' tali tankijiet fissi mhuwiex ġarr ta' merkanzija perikoluża fis-sens normali, u d-dispożizzjonijiet RID ma jistgħux jiġu applikati fil-prattika. Minħabba li t-tankijiet huma "nominalment vojta", l-ammont ta' merkanzija perikoluża li hemm verament fihom huwa żgħir ħafna.

RA-SQ 15.3

Suġġett: Tnaqqis tar-restrizzjonijiet fuq it-trasport ta' tagħbijiet imħalltin ta' splussivi, u ta' splussivi ma' merkanzija oħra perikoluża, f'vaguni, vetturi u kontenituri (N4/5/6).

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: 7.5.2.1 u 7.5.2.2

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Restrizzjonijiet fuq ċertu tipi ta' tagħbijiet imħalltin.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Ir-Regolament 18 tar-Regolamenti tal-1996 fuq il-Ġarr ta' Merkanzija Perikoluża bit-Triq ; ir-Regolamenti 17 u 24 tar-Regolamenti fuq il-Ġarr ta' Merkanzija Perikoluża bil-Ferrovija, ir-Regolament 14 tar-Regolamenti fuq il-Ġarr ta' Splussivi bit-Triq.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Il-leġiżlazzjoni nazzjonali hija anqas stretta fuq it-tagħbijiet imħalltin ta' splussivi, dimenti li t-tali ġarr jista' jsir mingħajr riskju.

Kummenti: Ir-Renju Unit jixtieq jippermetti xi varjazzjonijiet tar-regoli dwar it-taħlit għall-isplussivi ma' splussivi oħra u għall-isplussivi ma' merkanzija perikoluża oħra. Kwalunkwe varjazzjoni se jkollha limitazzjoni fuq il-kwantità fuq wieħed jew aktar mill-partijiet kostitwenti tat-tagħbija u se tkun permessa biss diment li "jittieħdu l-miżuri raġonevolment prattiċi kollha għall-prevenzjoni li l-isplussivi jagħmlu kuntatt ma', jew li b'xi mod jipperikolaw jew jiġu pperikolati minn kwalunkwe merkanzija bħal din.

Eżempji ta' varjazzjonijiet li r-Renju Unit jista' jixtieq jippermetti huma:

1. Splussivi allokati fil-klassifikazzjoni Numri NU 0029, 0030, 0042, 0065, 0081, 0082, 0104, 0241, 0255, 0267, 0283, 0289, 0290, 0331, 0332, 0360, jew 0361 jistgħu jinġarru fl-istess vettura mal-merkanzija perikoluża allokata fil-klassifikazzjoni Numru NU 1942. Il-kwantità ta' NU 1942 li jista' jinġarr għandu jiġi limitat billi jitqies bħala splussiv ta' 1.1D;

2. Splussivi allokati fil-klassifikazzjoni n-Numri NU 0191, 0197, 0312, 0336, 0403, 0431 jew 0453 jistgħu jinġarru fl-istess vetturi ma' merkanzija perikoluża (minbarra gassijiet fjammabbli, sustanzi infettivi u sustanzi tossiċi) fil-kategorija 2 tat-trasport jew merkanzija perikoluża fil-kategorija 3 tat-trasport, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, diment li l-massa jew il-volum totali tal-merkanzija perikoluża fil-kategorija 2 tat-trasport ma teċċedix il-500 kg jew litru u l-massa netta totali tat-tali splussivi ma teċċedix il-500 kg;

3. Splussivi ta' 1.4G jistgħu jinġarru ma' likwidi fjammabbli u gassijiet fjammabbli fil-kategorija 2 tat-trasport jew ma' gassijiet mhux fjammabbli u mhux tossiċi tal-kategorija 3 tat-trasport, jew f'kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom fl-istess vettura, diment li l-massa jew il-volum totali tal-merkanzija perikoluża meta jingħaddu flimkien ma jeċċedux il-200 kg jew litru u l-massa netta totali ta' splussivi ma teċċedix l-20 kg.

4. Oġġetti splussivi allokati fil-klassifikazzjoni Numri NU 0106, 0107 jew 0257 jistgħu jinġarru ma' oġġetti splussivi fil-Grupp Kompattibbli D, E jew F li tagħhom huma partijiet komponenti. Il-kwantità totali ta' splussivi bin-Numri NU 0106, 0107 jew 0257 ma għandhomx jeċċedu l-20 kg.

RA-SQ 15.4

Suġġett: Li jingħata permess għal "kwantità massima totali differenti għal kull unità tat-trasport" għall-merkanzija tal-Klassi 1 fil-kategoriji 1 u 2 tat-tabella fil-1.1.3.1.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: 1.1.3.1

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Eżenzjonijiet relatati mat-tip ta' operazzjoni tat-trasport.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Għandha tiġi speċifikata fir-Regolamenti li qed jitlestew.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Li jiġu stabbiliti regoli dwar l-eżenzjonijiet fuq il-kwantitajiet limitati u t-tagħbija mħallta ta' splussivi.

Kummenti: Li jiġu permessi limiti differenti għall-kwantitajiet limitati u fatturi ta' multiplikazzjoni tat-tagħbija mħallta għall-merkanzija tal-Klassi 1, jiġifieri "50" għall-Kategorija 1 u "500" għall-Kategorija 2. Biex jiġu kkalkulati t-tagħbijiet imħalltin, il-fatturi tal-multiplikazzjoni għandhom jitqiesu bħala "20" għall-Kategorija 2 tat-Trasport u "2" għall-Kategorija 3 tat-Trasport.

RA-SQ 15.5

Suġġett: Adozzjoni ta' RA-SQ 6.6.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Ir-Regolamenti tal-1996 dwar il-Ferroviji għall-Ġarr ta' Merkanzija Perikoluża , l-Iskeda 5, il-paragrafi 6 u 9.

ANNESS II

Derogi għall-Istati Membri dwar it-trasport lokali limitat għat-territorju tagħhom

Il-Ġermanja

RA-LT 3.1

Suġġett: Trasport ta' volum ta' materjali kontaminati bil-PCD tal-Klassi 9.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva ²96/49/KE (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "id-Direttiva"): 7.3.1

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Trasport f'volumi.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Gefahrgut-Ausnahmeverordnung - GGAV 2002 vom 06.11.2002 (BGBl. I S. 4350), geändert durch Artikel 2 der Verordnung vom 28.04.2003 (BGBl. I S. 595); Ausnahme 11.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Awtorizzazzjoni għat-Trasport ta' volumi f'vetturi interkambjabbli jew kontejners issiġillati sabiex ikunu impermeabbli għall-fluwidi u t-trab.

Kummenti: Id-Deroga 11 hija limitata sal-31.12.2004; mill-2005 japplikaw l-istess dispożizzjonijiet tal-ADR u l-RID.
Ara wkoll il-Ftehim Multilaterali M137.
Lista Nru 4*.

RA-LT 3.2

Suġġett: Trasport ta' skart perikoluż ippakkjat.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: Il-partijiet 1 sa 5

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Klassifikazzjoni, ippakkjar u mmarkar.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Gefahrgut-Ausnahmeverordnung - GGAV 2002 vom 06.11.2002 (BGBl. I S. 4350), geändert durch Artikel 2 der Verordnung vom 28.04.2003 (BGBl. I S. 595); Ausnahme 20.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Il-Klassijiet 2 sa 6.1, 8 u 9: Ippakkjar imħallat u trasport ta' skart perikoluż f'pakki u IBCs; l-iskart għandu jiġi ppakkjat f'ippakkjar intern (kif miġbur) u kategorizzat f'gruppi tal-iskart speċifiċi (sabiex jiġu evitati reazzjonijiet perikoluż fi ħdan grupp tal-iskart); użu ta' istruzzjonijiet speċjali bil-miktub relatati mal-gruppi tal-iskart u bħala polza tat-tagħbija; ġabra ta' skart domestiku u tal-laboratorju, eċċ.

Kummenti: Lista Nru. 6*.

l-Isvezja

RA-LT 14.1

Suġġett: Ġarr ta' skart perikoluż lejn impjanti tar-rimi tal-iskart perikoluż.

Referenza għall-Anness għad-Direttiva: il-parti 2, il-Kapitoli 5,2, u 6.1

Kontenut tal-Anness għad-Direttiva: Klassifikazzjoni, ippakkjar u mmarkar, u r-rekwiżiti għall-manifattura u l-ittestjar tal-ippakkjar.

Referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Särskilda bestämmelser om vissa inrikes trasport er av farligt gods på väg och i terräng.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Il-leġiżlazzjoni tikkonsisti minn kriterji simplifikati ta' klassifikazzjoni, rekwiżiti anqas stretti għall-manifattura u l-ittestjar tal-ippakkjar, u r-rekwiżiti modifikati għat-tikkettar u l-immarkar. Minflokk il-klassifikazzjoni tal-iskart perikoluż skont l-RID, dan l-iskart qed jiġi assenjat għal gruppi differenti tal-iskart. Kull grupp tal-iskart fih sustanzi li jistgħu, skont l-RID, jiġu ppakkjati flimkien (ippakkjar imħallat). Kull pakkett għandu jiġi mmarkat bil-kodiċi rilevanti tal-grupp tal-iskart minflokk in-numru NU.

Kummenti:

Dawn ir-regolamenti jistgħu jintużaw biss għall-ġarr ta' skart perikoluż minn postijiet pubbliċi tar-riċiklaġġ għall-impjanti tar-rimi tal-iskart perikoluż.